MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2004

Numru 425/1998

**Il-Pulizija
(Sp. Mario Bonnici)**

**vs**

**Jason Scerri ta’ 24 sena, iben Joseph
u Jane nee Farrugia mwieled Pieta’
fil-5 ta’ Marzu, 1974, u residenti f’Casa Scerri,
Triq Pope Pius XII, B’Kara,
detentur tal-karta ta’ l-identita’
bin-numru 167774 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jason Scerri li gie akkuzat talli f'xi hin bejn is-sebgha ta' filghaxija ta' nhar l-4 ta' Settembru, 1991 u t-tmienja u nofs ta' filghodu ta' nhar il-5 ta' Settembru, 1991 flimkien ma' persuna ohra ta' identita' mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, lighters, cameras tar-ritratti, fwieha u diversi oggetti ohra mill-hanut "Tenit Gift Shop", sitwat fi Triq it-Trunciera, Qawra ghad-detriment ta' sid l-istabiliment Emanuel Demanuele mill-Qawra, liema serq hu aggravate bil-mezz, hin u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1,000) izda ma jeccedix l-ghaxart elef lira Maltin (Lm 10,000).

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna hsara volontarja fuq shutter u tieqa li kienu jipprovdu sokor ghall-istess stabbiliment, liema hsara saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Emanuel Demanuele mill-Qawra u tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm 10) izda anqas minn hamsin lira Maltin (LM 50).

Talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga nstab hati u kkundannat ta' reat ta' attentat ta' serq, liema reat instab hati tieghu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta nhar il-11/04/1991 liema sentenza ma tisax tigi mibdula jew imhassra.

Talli f'xi hin bejn is-siegha ta' wara nofsinhar ta' nhar l-22 ta' Settembru, 1996 u nofs il-lejl u hames minuti ta' sbieh it-23 ta' Settembru, 1996, flimkien ma' persuna ohra ta' identita' mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb u affarijiet ohra minn appartament bin-numru 1, f'Washington Apartments, Triq in-Nawciera, Qawra, ghad-detriment tas-sinjur u s-sinjura Saviour u Mary Debattista minn Pembroke rispettivament liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm 100) izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm 1,000).

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara volontarja fuq bieb tal-aluminium li kien jipprovdi sokor ghall-istess appartament, liema hsara saret ghad-

detriment ta’ l-imsemmija Saviour u Mary Debattista minn Pembroke u tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm 10) izda inqas minn hamsin lira Maltin (Lm 50).

Talli sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien diga instab hati u ikkundannat ta’ reat ta’ serq, liema reat nstab hati tieghu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta nhar it-28/11/95, liema sentenza ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat ukoll li fil-verbal tal-15 ta’ Lulju, 1998 giet mizjuda akkuza ohra koncernanti kommissjoni ta’ reat waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza.

Rat li fl-interrogatorju Jason Scerri wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll li fil-15/11/99 intbaghat ir-rinviju bl-artikli taht liema kien mahsub li tista’ tinstab htija.

Rat ukoll li l-akkuzat ta l-kunsens teighu ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll li fis-seduta tat-2 ta’ Gunju, 2000 l-akkuzat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Rat li ntalab ukoll differiment fit-tul biex jigi monitored il-progress li Jason Scerri kien qed jaghmel fil-programm kontra riabilitazzjoni tad-droga.

Rat imbaghad li sa sena wara ma ngabet ebda prova ta’ dan it-tip lanqas ma saru n-noti awtorizzati.

Rat ukoll li sussegwentement wara rinunzja tal-patrocinju ta’ l-avukat difensur ta’ Scerri li anke gew imqabbda zewg avukati ta’ ghajnuna legali . Il-kawza baqghet ghalhekk tigi differita ghal dik il-prova originalment mitluba u sussegwentement ghas-sentenza.

Tlett snin wara, jekk mhux izjed, fl-ahhar ingabet dik il-prova mitluba li jekk xejn issorprendiet il din il-Qorti ghall-fatt espost aktar il-quddiem. F’din ix-xhieda daqshekk mistennija, u pjuttost qasira, din il-Qorti saret taf li l-

progress tant mistenni ta’ l-akkuzat kien li fil-fatt hu kellu problema ta’ droga. B’dan il-progress il-Qorti kienet ferm sorpriza stante li fl-istqarrija Jason Scerri stqarr li dak iz-zmien kien bidel hajtu.

Wasalna fl-ahhar ghat-trattazzjoni u fuq dan il-punt din il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x’taghmel huwa veru li hawn si tratta ta’ serq li jirrisali ghal 1991 u spicca tressaq ta’ l-istess fis-sena 1998, sakemm il-prosekuzzjoni solviet dan il-kaz. Daqstant huwa veru li ghal tliet snin u bidliet ta’ avukati, tressqet Mrs Camilleri biex tghidilna bil-progress ta’ Jason Scerri differimenti li fil-maggorparti kienu biex id-difiza taghmel xogholha! Dan kollu inghad biss in vista ta’ dak li ntqal fit-trattazzjoni.

Pero’ dwar l-akkuzi in dizamina, rat l-artiklu 263, 266, 265, 278, 330, 267, 270, 279, 280, 281, 325(b), 18, 20, 31, 49, 50, 289, 23 u 533 tal-kap 9 u ssib lil Jason Scerri hati ta’ l-istess in vista ta’ l-ammissjoni minnu registrata.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat, rat ukoll li fl-artiklu giet eskluza dik iz-zieda fl-akkuza mitluba mill-Ufficjal Prosekutur aktar il-fuq imsemmija. Dwar il-piena tqis li Jason Scerri in kwantu recidiv mhux idoneu ghal sentenza sospiza, tqis ukoll jekk wiehed ihares lejn l-istess fedina penali li l-istess Scerri mhux talli ma bidilx hajtu mill-1991 pero’ sa almenu 1996 kien ghadu ghaddej bil-vizzju ta’ serq. Di piu lanqas gharaf jiehu vantagg la mill-provedimenti ta’ dak iz-zmien Kap 152 u wisq anqas ta’ dawk ikkontemplati taht l-artikoli 28A tal-Kap 9. Ghaldaqstant qeghd tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax-il xahar habs b’dan illi tirrakkomanda lid-Direttur tal-habs illi fejn u jekk hu possibbli Scerri jigi nkoraggjat illi jkompli dak il-programm li qed isegwi (jekk hu l-kaz) kontra l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------